StudentBounty.com

ID-DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI
Id-Dipartiment tal-Kurrikulu u t-Tagħlim Elettroniku
It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv
**L-Eżamijiet Annwali għall-Iskejjel Sekondarji 2013**

| **IL-L...** |
|---|
| **6 – 7** |

| **L-EWWEL SENA** | **IL-MALTI (Il-Fehim mis-Smigħ)** | **Il-ĦIN: 15-il minuta** |
|---|---|---|

**Il-Karta tal-Għalliema - Gwida għat-Tmexxija tal-Eżami tal-Fehim mis-Smigħ**

1. Jitqassmu l-karti bil-mistoqsijiet u l-istudenti jiktbu isimhom, kunjomhom u l-klassi.

| **L-Istruzzjonijiet għall-Ewwel u t-Tieni Silta:** | |
|---|---|
| **1.** | ▪ L-istudenti jintalbu jiftħu l-karta.<br>▪ L-għalliema jaqraw is-silta u l-istudenti jisimgħu b'attenzjoni u ma jiktbu xejn waqt il-qari. |
| **2.** | ▪ Waqt li l-għalliema jaqraw għal darba l-eżerċizzji tas-silta, l-istudenti jistgħu jaħdmu t-tweġibiet. |
| **3.** | ▪ L-għalliema jaqraw is-silta għat-tieni darba.<br>▪ L-għalliema jerġgħu jaqraw l-eżerċizzji u jagħtu ċans lill-istudenti jaħdmu t-tweġibiet kollha. |



www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**L-Ewwel Silta** **In-Naħal**

Meta jgħidulek "bieżel daqs naħla" ikunu qegħdin jgħaddulek kumpliment minħabba li n jaħdem ħafna. Huwa jagħmel l-għasel biex jagħtih liż-żgħar tiegħu.

In-naħal jgħaddi parti kbira minn ħajtu jittajjar bejn ix-xehda u l-fjuri biex jiġbor in-nektar minn fuq il-fjuri. Fix-xehda jkun hemm grupp ieħor ta' naħal li xogħlu jibdel dan in-nektar f'għasel. L-għasel żejjed li ma jikolx iżommu għal meta ma jsibx nektar għax ma jkunx hemm fjuri.

L-aktar għasel imsemmi għal togħmtu f'Malta hu dak tas-sagħtar li n-naħal jagħmlu mill-fjuri tal-pjanti tas-sagħtar. Ħafna jħobbu wkoll l-għasel li ġej mis-siġar tal-larinġ, tal-lumi u frott ieħor simili. Kieku ma kienx in-naħal, ħafna fjuri ma jkollhomx żerriegħa u jinqerdu. Meta n-naħla tagħtik ix-xewka, tagħfashiex u idlek ftit ingwent ta' kontra l-gdim.

**Taħriġ A**: Aqta' linja taħt **Veru** jew **Falz**.

| | | | |
|---|---|---|---|
| **1.** | Meta tkun ħabrieki jistgħu jqabbluk ma' naħla. | **veru** | **falz** |
| **2.** | In-naħal jibdel in-nektar f'għasel ġewwa x-xehda. | **veru** | **falz** |
| **3.** | L-aqwa għasel hawn Malta huwa dak tas-sagħtar. | **veru** | **falz** |
| **4.** | Il-fjuri jistgħu jispiċċaw bla żerriegħa li ma jkunx għan-naħal. | **veru** | **falz** |
| **5.** | Ix-xewka tan-naħla għandek togħrokha sewwa bl-ingwent tal-gdim. | **veru** | **falz** |



www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**It-Tieni Silta** **Is-Sulfarina** **(5 m**

F'ġurnata tal-vaganzi, Kevin u żewġt iħbieb oħra tiegħu qagħdu fil-kċina jilagħbu u jagħġnu l-għaġina. Għamlu ħafna forom bl-għaġina u tgħidx kemm daħku u ħadu pjaċir.

Meta ddejqu, bdew jixtiequ ħafna jixegħlu s-sulfarini. Kemm xtaqu jarawhom jaqbdu u jarmu d-dawl għal ftit. Imma omm Kevin kienet wissiethom biex ma jmissux is-sulfarini. Iżda t-tifel taparsi ma semax! L-omm niżlet tiġri minn fuq xħin xammet riħa qawwija ta' ħruq. Riedet tkun taf il-verità fuq min qabbad is-sulfarini iżda ħadd mit-tfal ma tkellem. Wara li ħasbitha ftit, l-omm qaltilhom biex kulħadd jieħu sulfarina ġdida mill-kaxxa u jżommha f'idu magħluqa. Hija spjegatilhom li min ikollu l-itwal sulfarina jkun dak li qabbad in-nar.

Meta ġabrithom u ħadithom lura f'idha u kejlithom sabet li ta' Kevin kienet l-iqsar. X'kien ġara? Kevin beża' u bil-moħbi qata' biċċa mis-sulfarina li kellu għax ħaseb li tiegħu se tkun itwal minn tal-oħrajn. Hekk inqabad xorta waħda għax tiegħu ma kinitx daqs tal-oħrajn!

**Taħriġ B:** Agħżel it-tweġiba t-tajba billi timmarka ✓ fil-kaxxa x-xierqa.

| | | | |
|---|---|---|---|
| **1.** | Kevin u ż-żewġt iħbieb tiegħu ntasbu fil-kċina | | jieklu l-għaġin. |
| | | | jilagħbu bl-għaġina. |
| | | | jagħġnu lil xulxin. |
| | | | |
| **2.** | Meta xammet ir-riħa, omm Kevin niżlet minn fuq | | bħal leħħa ta' berqa. |
| | | | bil-pass ta' nemla. |
| | | | tfekren. |
| | | | |
| **3.** | Omm Kevin riedet tkun taf min kien li qabbad | | id-daqq. |
| | | | in-nar. |
| | | | id-dawl. |
| | | | |
| **4.** | Is-sulfarina mqassra ta' Kevin kixfitu li huwa kien | | innoċenti. |
| | | | ħati. |
| | | | ubbidjenti. |
| | | | |
| **5.** | Wisq probabbli b'din l-istorja omm Kevin kienet | | kburija b'binha. |
| | | | kuntenta b'binha. |
| | | | iddiżappuntata b'binha. |

**- TMIEM IL-KARTA -**



www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

ID-DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI
Id-Dipartiment tal-Kurrikulu u t-Tagħlim Elettroniku
It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv
**L-Eżamijiet Annwali għall-Iskejjel Sekondarji 2013**

**IL-L…**
**6 – 7**

**L-EWWEL SENA** **IL-MALTI (Il-Fehim mis-Smigħ)** **Il-ĦIN: 15-il minuta**

**L-Isem u l-kunjom: ______________________________ Il-Klassi: __________**

**MARKA**

**Il-Karta tal-Istudenti**

**Aħdem dan it-taħriġ skont is-siltiet li smajt.**

**Taħriġ A**: Aqta' linja taħt **Veru** jew **Falz**. **(5 marki)**

| | | | |
|---|---|---|---|
| **1.** | Meta tkun ħabrieki jistgħu jqabbluk ma' naħla. | **veru** | **falz** |
| **2.** | In-naħal jibdel in-nektar f'għasel ġewwa x-xehda. | **veru** | **falz** |
| **3.** | L-aqwa għasel hawn Malta huwa dak tas-sagħtar. | **veru** | **falz** |
| **4.** | Il-fjuri jistgħu jispiċċaw bla żerriegħa li ma jkunx għan-naħal. | **veru** | **falz** |
| **5.** | Ix-xewka tan-naħla għandek togħrokha sewwa bl-ingwent tal-gdim. | **veru** | **falz** |

**Taħriġ B:** Agħżel it-tweġiba t-tajba billi timmarka ✓ fil-kaxxa x-xierqa. **(5 marki)**

| | | | |
|---|---|---|---|
| **1.** | Kevin u ż-żewġt iħbieb tiegħu ntasbu fil-kċina | | jieklu l-għaġin. |
| | | | jilagħbu bl-għaġina. |
| | | | jagħġnu lil xulxin. |
| **2.** | Meta xammet ir-riħa, omm Kevin niżlet minn fuq | | bħal leħħa ta' berqa. |
| | | | bil-pass ta' nemla. |
| | | | tfekren. |
| **3.** | Omm Kevin riedet tkun taf min kien li qabbad | | id-daqq. |
| | | | in-nar. |
| | | | id-dawl. |
| **4.** | Is-sulfarina mqassra ta' Kevin kixfitu li huwa kien | | innoċenti. |
| | | | ħati. |
| | | | ubbidjenti. |
| **5.** | Wisq probabbli b'din l-istorja omm Kevin kienet | | kburija b'binha. |
| | | | kuntenta b'binha. |
| | | | iddiżappuntata b'binha. |

**Tmiem il-Karta**



www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

ID-DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI
Id-Dipartiment tal-Kurrikulu u t-Tagħlim Elettroniku
It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv
**L-Eżamijiet Annwali għall-Iskejjel Sekondarji 2013**

6

| **L-EWWEL SENA** | **IL-MALTI (Il-Qari u l-Kitba)** | **IL-ĦIN: Sagħtejn** |
|---|---|---|

**L-Isem u l-kunjom:** ______________________________________ **Il-Klassi:** ________________

## Għall-istudent/a:

1. **Wieġeb il-mistoqsijiet kollha kif mitlub/a.**
2. **Ortografija, punteġġjatura, sintassi, ideat u preżentazzjoni tajbin jgħinuk biex tikseb riżultati aħjar.**

---

## Għall-għalliema:

| | | | |
|---|---|---|---|
| **Il-MARKI** | **It-Taħdit** | **10** | |
| | **Is-Smigħ** | **10** | |
| | **Il-Qari u l-Kitba** | **80** | |
| | **IT-TOTAL** | **100** | |

## Kummenti:

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________



www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

## IS-SILTA TAL-FEHIM MILL-QARI

**Aqra sewwa din is-silta u wieġeb il-mistoqsijiet dwarha.**

# Xita ta' Tiġieġ



Cassie Bernard, tfajla Amerikana ta' tlettax-il sena, kienet qiegħda titgħallem tirkeb iż-żiemel. Darba, waqt waħda minn dawn il-lezzjonijiet, seħħet ġrajja li ġġiblek għajnejk wara widnejk. **(par. 1)**

Kien is-Sibt, it-13 ta' Ottubru tal-2012. Cassie ħarġet iż-żiemel mill-istalla u bla telf ta' żmien bdiet it-taħriġ tagħha. **(par. 2)**

Lanqas laħqu għaddew għaxar minuti li mis-sema ma taqax biċċa tiġieġa nejja u tinżel b'sabta fuq ras Cassie. Mad-daqqa wiċċha sar **<u>isfar mewt</u>**, intilfet minn sensiha u waqgħet minn fuq iż-żiemel. **(par. 3)**

Dakinhar kien sema safi u allura, minn fejn setgħet waqgħet dik il-biċċa tiġieġa? Wara stħarriġ fit-tul, il-pulizija sabet li dik ma kinitx l-unika biċċa tiġieġa nejja li kienet waqgħet fl-inħawi. Fil-fatt kien hemm min irrapporta li kien sab xi biċċiet tat-tiġieġ fuq il-bjut ta' daru. **(par. 4)**

Lil Cassie, Alla ħelishielha. Imma ħadd ma seta' jifhem minn fejn kienu qed jaqgħu dawn il-biċċiet. Kellhom jgħaddu **<u>bosta</u>** ġranet qabel ma l-esperti ħarġu bi spjegazzjoni xierqa. **(par. 5)**

Wieħed mill-investigaturi skopra li ftit 'il bogħod minn dan ir-raħal kien hemm post fejn jitrabbew it-tiġieġ. Dawn kienu jinqatlu sabiex jinbiegħu. **<u>Gawwi</u>** kbir kien jinżel u jisraq biċċiet kbar ta' tiġieġ imqatta' u jtir bihom. **(par. 6)**

Aktarx li dakinhar xi gawwi żaqqieq seraq biċċiet kbar wisq għalih. Mat-triq dan il-gawwi ma felaħx aktar u **<u>reħa</u>** minn munqaru l-biċċa tiġieġa li kien qed iġorr. Waħda minn dawn il-biċċiet waqgħet fuq ras Cassie u kważi qatlitha. Mela l-każ issa kien solvut darba għal dejjem! **(par. 7)**

Cassie setgħet **<u>baqgħet sejra għand Alla</u>**! **(par. 8)**

Addattament mis-sit **WEIRD NEWS** *Raw Chicken Rains Down From The Sky*



www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

| Taqsima A. Il-Fehim mill-Qari | ka) |
|---|---|

**Wieġeb il-mistoqsijiet skont is-silta li qrajt.**

**1.** Aqta' linja taħt **Veru** jew **Falz**:

| | | | |
|---|---|---|---|
| **a.** | Din il-ġrajja seħħet fil-ħarifa. | **veru** | **falz** |
| **b.** | Dakinhar li seħħet il-ġrajja kien hemm xi sħab fis-sema. | **veru** | **falz** |

**(marka l-waħda)**

**2.** X'għamlet Cassie wara li ħarġet iż-żiemel mill-istalla? **(par. 2)**

______________________________ **(marka)**

**3.** Xi kemm għadda ħin minn xħin Cassie bdiet it-taħriġ tagħha sa ma laqtitha l-biċċa tiġieġa? **(par. 3)**

______________________________ **(marka)**

**4.** Min investigah il-każ? **(par. 4)**

______________________________ **(marka)**

**5.** Ikteb xi jfissru l-espressjonijiet b'linja taħthom f'dawn is-sentenzi:

**a.** "Mad-daqqa wiċċha sar **isfar mewt**, intilfet minn sensiha u waqgħet minn fuq iż-żiemel." **(par. 3)**

______________________________ **(marka)**

**b.** "Cassie setgħet **baqgħet sejra għand Alla**!" **(par. 8)**

______________________________ **(marka)**

**6.** Fisser dawn il-kelmiet:

**a.** "**bosta**" **(par. 5)**: ______________________________ **(marka)**

**b.** "**Gawwi**" **(par. 6)**: ______________________________ **(marka)**

**7.** Agħti kelma oħra flok "**reħa**" fil-frażi:

"**reħa** minn munqaru" **(par. 7)**: ______________________________ **(marka)**

**8.** Għaliex il-biċċiet tat-tiġieġ kienu jkunu nejjin?

______________________________ **(2 marki)**

**9.** Immarka ✓ ħdejn it-tweġiba t-tajba. Il-ġrajja tat-tiġieġ seħħet:

| | | |
|---|---|---|
| **a.** | diversi drabi u kien hemm min irrapporta li sab xi biċċiet ġo daru. | |
| **b.** | darbtejn, lil Cassie biss u hi rrapportat il-każ lill-pulizija. | |
| **ċ.** | diversi drabi u kien hemm min irrapporta li sab xi biċċiet tat-tiġieġ fuq il-bejt ta' daru. | |
| **d.** | diversi drabi imma ħadd ma rrapporta li sab xi biċċiet tat-tiġieġ fuq il-bejt ta' daru. | |

**(2 marki)**



www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

## Taqsima B. Il-Grammatika

| | | |
|---|---|---|
| **1.** | Imla l-vojt bl-**artiklu**. | Cassie kienet riekba ___ żiemel tagħha. |
| **2.** | Aqta' linja taħt il-**partiċella magħquda mal-artiklu**. | It-tfajla ħarġet iż-żiemel mill-istalla. |
| **3.** | Nissel **nom verbali** minn **waqa'**. | Bil-__________ li waqgħet Cassie stordiet. |
| **4.** | Aqta' linja taħt in-**nom verbali.** | Is-serq tal-gawwi ħawwad lill-pulizija. |
| **5.** | Nissel l-**imperattiv (kmand) singular** mill-għerq **ċ-m-p-l**. | L-avviż tal-pulizija kien jgħid: "Jekk rajt xi biċċa tiġieġa nieżla mis-sema __________ 24982915". |
| **6.** | Imla l-vojt b'verb fil-**futur** mill-għerq **ż-j-r**. | Cassie _____________ ir-razzett. |
| **7.** | Aqta' linja taħt il-verb fil-**perfett (passat)**. | It-tfajla (**rikbet / irkeb / tirkeb**) iż-żiemel. |
| **8.** | Imla l-vojt b'verb fl-**imperfett (preżent)** mill-għerq **s-r-q**. | Il-gawwi l-kbir __________ it-tiġieġ mir-razzett. |
| **9.** | Aqta' linja taħt **nom komuni**. | Cassie kienet tħobb iż-żiemel tagħha. |
| **10** | Imla l-vojt b'**nom verbali** mill-għerq **b-ż-għ**. | Il-__________ ħakem lin-nies tar-raħal ta' Cassie. |

**(marka l-waħda)**



www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**Taqsima Ċ. Il-Letteratura** **a)**

**Ċi. Il-Poeżija (Nadriet 1 ta' Tarċisju Zarb)** **(10**

**1.** Din hija silta mill-poeżija **Tifħira lil Malta** ta' **Ġan Anton Vassallo**.

**U xi ngħid mill-għasel tiegħek,**
**liema bniedem ma jfaħħrux?**
**Jekk iduru d-dinja kollha**
**<u>oħla</u> minnu ma jsibux.**

**a.** Ir-rima li nsibu fis-silta hija **(mbewsa / mqabbża / kkatenata)**.

**b.** Fis-silta, l-istrofa li tidher hija **(terzina / kwartina / sestina)**.

**ċ.** Fis-silta l-kelma "**oħla**" tfisser li l-għasel huwa **(aktar ħelu / aktar għoli / aktar maħlul)**.

**(marka l-waħda)**

**2.** Agħżel it-tweġiba t-tajba billi timmarka ✓ fil-kaxxa x-xierqa:

| | | | |
|---|---|---|---|
| **a.** | Fil-poeżija **Lil Ommi**, il-poeta jixtieq li ommu: | | tfissdu u tbennu. |
| | | | tagħtih jiekol. |
| | | | toħorġu jilgħab . |
| **b.** | Fil-poeżija **San Franġisk u l-Gamiem**, il-poeta biex juri l-espressjoni ta' wiċċ il-qaddis jikteb li huwa kellu: | | "daħka stramba ta' mħabba u ta' ferħ". |
| | | | "daħka vojta ta' mħabba u ta' ferħ". |
| | | | "daħka ħelwa ta' mħabba u ta' ferħ". |
| **ċ.** | Fil-poeżija **Il-Bikja tal-Buskett**, il-poeta biex juri kif qed iħossu quddiem ir-realtà tal-ambjent jikteb: | | "did-daħka smajt ġo qalbi". |
| | | | "dit-twerżiqa smajt ġo qalbi". |
| | | | "dil-bikja smajt ġo qalbi". |
| **d.** | Meta fil-poeżija **Ritratt ta' Toninu man-Nanna**, il-poeta jikteb li **"Toninu bħal xitla"** ikun qed juża: | | l-alliterazzjoni. |
| | | | ir-rima. |
| | | | is-similitudni. |

**(marka l-waħda)**

**3.** Aqta' linja taħt **WAĦDA** mill-poeżiji t'hawn taħt u ikteb fuq kif u għaliex laqtitek.

***distanza* – Tarċisju Zarb, *Il-Ħerża* – Marjanu Vella, *Tristis Est Anima Mea* – Rużar Briffa, *Dik Mewġa!* – Anastasju Cuschieri, *Xmara Ħamra, Bruka Xiħa* – Victor Fenech, *Raħal Twelidi* – Karmenu Vassallo, *Il-Kebbies Tal-Fanali* – Anton Buttigieg, *Xita* – Mary Meylak.**

F'din il-poeżija laqatni ħafna ______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

**(3 marki)**



www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**Ċii. In-Novelli (Stejjer tal-Linka ta' Tarċisju Zarb)** **ki)**

**1.** Veru li fl-istorja **Tarċisinu**, it-tifel kien distratt? Agħti raġuni waħda biex tispjega għaliex.

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

**(2 marki)**

**2.** Fl-istorja **Jason Grima**, it-tifel kien "sinjur". Veru? Għaliex?

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

**(2 marki)**

**3.** Agħżel it-tweġiba t-tajba billi timmarka ✓ fil-kaxxa x-xierqa:

| | | | |
|---|---|---|---|
| **a.** | F'**L-Istorja ta' Jo** t-tfajla ssib diffikultà biex | | tikkonċentra. |
| | | | torqod. |
| | | | tiġri. |
| | | | |
| **b.** | Fl-istorja **Il-Kokka u l-Werżieq**, naqraw li l-kokka | | se tieħu paċenzja. |
| | | | se tiġġieled mal-werżieq. |
| | | | xebgħet u ma tafx x'se tagħmel. |
| | | | |
| **ċ.** | Fl-istorja **L-Aħħar Merill tad-Dinja** kulħadd jibda jinstema' ħlief l-għanja | | ta' fuq ir-radju. |
| | | | tal-merill. |
| | | | tat-tfal. |

**(marka l-waħda)**

**4.** Agħżel **WAĦDA** minn dawn l-istejjer u f'mhux iktar minn **30 kelma** rrakkontaha fi kliemek.

**Jason Grima** **JEW** **L-Istorja ta' Jo** **JEW** **Il-Kokka u l-Werżieq**

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

**(3 marki)**



www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**Ċ. iii. Ir-rumanz (Zito Zandarell ta' Carmel G. Cauchi)**

**1.** Qabbel **Kolonna A** ma' **Kolonna B.** L-ewwel waħda lesta.

| | **Kolonna A** | | **Kolonna B** |
|---|---|---|---|
| **a.** | Jum minnhom Zito Zandarell | | se jaqa' għal isfel. |
| b. | Zito ra t-tifel ta' Christine | | jaqbeż b'ħeffa liema bħalha. |
| ċ. | Zito qabeż minn bejt għal ieħor biex | | kellu poteri speċjali. |
| d. | Christine rat lil Zito | **a** | tela' fuq il-bejt waħdu. |
| e. | Zito ressaq il-ħawt li fuqu | | kien tela' t-tifel. |
| f. | Salvina qalet lil kulħadd li Zito | | isalva ħajjet it-tifel. |

**(marka l-waħda)**

**2.** Agħżel il-kelma t-tajba.

| | | | |
|---|---|---|---|
| **a.** | It-tfal iltaqgħu l-ewwel darba ma' Zito | | fil-ġnien tal-Argotti. |
| | | | l-iskola. |
| | | | l-Buskett. |
| | | | |
| **b.** | Minħabba l-kanarin ta' Lorella, Zito ġġieled ma' | | Hector Brincat. |
| | | | Paul Debono. |
| | | | Rocky Rospo. |
| | | | |
| **ċ.** | Katya tilfet id-dawl t'għajnejha għax laqatha f'rasha | | ħuha. |
| | | | Zito. |
| | | | missierha. |
| | | | |
| **d.** | Lil Zito għamlulu passaport falz | | Ingliż. |
| | | | Malti. |
| | | | Brażiljan. |
| | | | |
| **e.** | Rocky Rospo u Saborra qaflu lil Zito | | fil-mitħna ta' Sidor. |
| | | | fil-kamra tal-bejt. |
| | | | fl-għassa tal-pulizija. |

**(marka l-waħda)**



www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**Taqsima D. Il-Kitba** **ka)**

**Di. Il-kitba funzjonali** **(6**

Għadu kif ħareġ mudell ġdid ta' mowbajl u rajt reklam tiegħu fuq it-televixin. Int tħajjart u tixtieq akt informazzjoni dwaru. Ikteb **ittra elettronika** ta' bejn **40 u 60 kelma** lill-kumpanija MOTIA biex tistaqsiha dwar x'karatteristiċi ġodda fih dan il-mowbajl. Ikteb ukoll is-suġġett tal-ittra.

| | |
|---|---|
| **Lil:** | info_motia_410@poste.mt |
| **Mingħand:** | cassar_2000@warda.mt |
| **Is-Suġġett:** | ________________________________ |

Sinjur/a,

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

Dejjem tiegħek,
J. Cassar

**Tinsiex ...**



- **tintroduċi**
- **tistaqsi t-tagħrif li teħtieġ**
- **tikkonkludi**



www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

**Dii. Il-Komponiment** **ka)**

Immarka ✓ ħdejn **WIEĦED** mit-titli li jolqtok u ikteb komponiment ta' madwar **150 ke** fil-linji pprovduti.

| | | |
|---|---|---|
| **1.** | **Iddeskrivi kif qattajt ftit jiem ta' btala mal-familja tiegħek.** | |
| **2.** | **Kien il-Ħadd waranofsinhar. Kont ma' sħabi taċ-Ċentru meta ... Kompli din l-istorja.** | |
| **3.** | **Ix-xogħol jew il-karriera li nixtieq naqbad la nikber.** | |

**Spazju biex tagħmel il-pjan tal-kitba tiegħek. (Ma jingħatawx marki għall-pjan.)**



StudentBounty.com
www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

**Komponiment numru __________( Ikteb 1, 2, jew 3)**

**TMIEM IL-KARTA**



StudentBounty.com

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers